

Brussell, 26 ta' Frar 2015
(OR. en)

6594/15

ENER 50
CLIMA 20
AGRI 83
COMPET 66
TRANS 64
ENV 97
ECOFIN 141
RELEX 164
TELECOM 56
CONSOM 39

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Frar 2015
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2015) 80 final
Suġġett:	PAKKETT DWAR L-UNJONI TAL-ENERĠIJA KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U L-BANK EWROPEW GĦALL-INVESTIMENT Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2015) 80 final.

Mehmuż: COM(2015) 80 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.2.2015
COM(2015) 80 final

PAKKETT DWAR L-UNJONI TAL-ENERĠIJA

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-
KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, IL-KUMITAT
TAR-REĠJUNI U L-BANK EWROPEW GĦALL-INVESTIMENT**

**Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li
tħares 'il quddiem**

1. GĦALIEX NEĦTIEĠU UNJONI TAL-ENERĠIJA

L-għan ta' Unjoni tal-Enerġija reżiljenti b'politika ambizzjuża dwar il-klima biex tagħti lill-konsumaturi tal-UE — unitajiet domestiċi u negozji — enerġija sigura, sostenibbli, kompetittiva u affordabbli. Il-kisba ta' dan l-għan tirrikjedi bidla fundamentali tas-sistema tal-enerġija tal-Ewropa.

Il-viżjoni tagħna hija ta' Unjoni tal-Enerġija fejn l-Istati Membri jaraw li dawn jiddependu fuq xulxin għat-twassil tal-enerġija sigura għaċ-ċittadini tagħhom, ibbażata fuq solidarjetà reali u l-fiduċja, u ta' Unjoni tal-Enerġija li titkellem b'leħen wieħed f'affarijiet globali;

Il-viżjoni tagħna hija waħda ta' sistema tal-enerġija integrata fmadwar il-kontinent kollu fejn l-enerġija timxi b'mod ħieles bejn il-fruntieri, ibbażata fuq il-kompetizzjoni u l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi, u b'regolamentazzjoni effettiva tas-swieq tal-enerġija fil-livell tal-UE fejn meħtieġ;

Il-viżjoni tagħna hija ta' Unjoni tal-Enerġija sostenibbli, b'livell baxx ta' karbonju u ekonomija favur il-klima li hija maħsuba biex isservi fit-tul;

Il-viżjoni tagħna hija waħda ta' kumpaniji Ewropej b'saħħithom, innovattivi u kompetittivi li jiżviluppaw prodotti industrijali u teknoloġija meħtieġa biex jiksibu aktar effiċjenza fl-użu tal-enerġija u teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju ġewwa u barra l-Ewropa,

Il-viżjoni tagħna hija li jkun hemm forza tax-xogħol Ewropea b'ħiliet għall-bini u l-ġestjoni tas-sistema tal-enerġija ta' għada;

Il-viżjoni tagħna hija ta' fiduċja tal-investituri permezz ta' sinjali tal-prezzijiet li jirriflettu l-ħtiġijiet fit-tul u l-oġettivi ta' politika;

L-aktar importanti, il-viżjoni tagħna hija waħda ta' Unjoni tal-Enerġija biċ-ċittadini fil-qofol tagħha, fejn iċ-ċittadini jieħdu s-sjieda tat-tranżizzjoni tal-enerġija, jibbenefikaw minn teknoloġiji ġodda biex jitnaqqsu l-kontijiet tagħhom, jipparteċipaw b'mod attiv fis-suq, u fejn il-konsumaturi vulnerabbli jkunu protetti.

Sabiex nilħqu l-għan tagħna, irridu nimxu lil hinn minn ekonomija bbażata fuq il-karburant fossili, ekonomija fejn l-enerġija hija bbażata fuq approċċ ċentralizzat, min-naħa tal-provvista u li tiddependi fuq teknoloġiji qodma u mudelli ta' negozju antikwati. Irridu nagħtu lill-konsumaturi s-setgħa li tingħatalhom informazzjoni, għażla u permezz tal-ħolqien ta' flessibilità għall-ġestjoni tad-domanda kif ukoll tal-provvista. Irridu nitbiegħdu minn sistema frammentata kkaratterizzata minn politiki nazzjonali mhux koordinati, ostakoli għas-suq u żoni iżolati mill-enerġija.

Is-sistema Ewropea tal-enerġija f'ċifri

L-aħħar dejta turi li l-UE importat 53 % tal-enerġija tagħha bi spiża ta' madwar EUR 400 biljun, li jagħmilha l-ikbar importatur tal-enerġija fid-dinja. Sitt Stati Membri jiddependu fuq fornitur estern waħdieni għall-importazzjonijiet kollha tal-gass tagħhom u għalhekk għadhom wisq vulnerabbli għal xokkijiet tal-provvista. Ġie stmat ukoll li kull żieda addizzjonali ta' 1 % ta' ekonomija fl-użu tal-enerġija tnaqqas l-importazzjonijiet tal-gass bi 2,6 %¹. Mal-75 % tal-

¹ Il-Komunikazzjoni "L-Effiċjenza Enerġetika u l-kontribut tas-sigurtà tal-enerġija u l-Qafas 2030 għall-politika dwar il-klima u l-enerġija", COM(2014) 520.

unitajiet residenzjali tagħna huma ineffiċjenti fl-enerġija. Mal-94 % tat-trasport jiddependi fuq prodotti taż-żejt, li 90 % minnhom huma importati. Kollektivament, l-UE nefqet aktar minn EUR 120 biljun fis-sena — direttament jew indirettament — fuq sussidji tal-enerġija, ħafna drabi mhux ġustifikati². Aktar minn EUR 1 triljun għandhom jiġu investiti fis-settur tal-enerġija fl-UE sal-2020 biss³.

Il-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa għall-pajjiżi Ewropej jinsabu f'livelli baxxi, minkejja li huma 30 % ogħla milli fl-Istati Uniti. Fl-istess ħin, wara t-taxxa, il-prezzijiet tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi żdiedu b'medja ta' 4,4 % mill-2012 sal-2013. Il-prezzijiet tal-gass bl-ingrossa għandhom aktar minn darbtejn ogħla minn dawk fl-Istati Uniti⁴. Id-differenza fil-prezz ma' ekonomiji oħrajn għandha impatt fuq il-kompetittività tal-industrija tagħna, b'mod partikolari l-industrija tagħna li jużaw ħafna enerġija.

In-negozji tal-enerġija rinnovabbli Ewropea flimkien għandhom dħul ta' EUR 129 biljun fis-sena u jħaddmu aktar minn miljun persuna⁵. Il-kumpaniji tal-UE għandhom sehem ta' 40 % tal-privattivi kollha għal teknoloġiji rinnovabbli⁶. L-isfida hija li jinżamm ir-rwol ewlieni tal-Ewropa fl-investiment globali f'enerġija rinnovabbli⁷.

Illum, l-Unjoni Ewropea għandha regoli tal-enerġija stabbiliti fil-livell Ewropew, iżda fil-prattika għandha 28 qafas regolatorju nazzjonali. Ma nistgħux nibqgħu sejr in hekk. Huwa meħtieġ suq integrat tal-enerġijabiex tinholq aktar kompetizzjoni, li jwassal għal effiċjenza akbar fis-suq permezz ta' użu aħjar ta' faċilitajiet ta' ġenerazzjoni tal-enerġija madwar l-UE u biex jiġu prodotti prezzijiet raġonevoli għall-konsumaturi.

Is-suq tal-bejgħ bl-imnut mhuwiex qed jiffunzjona kif suppost. Ħafna konsumaturi domestiċi jkollhom ftit wisq għażla ta' fornituri tal-enerġija u ftit wisq kontroll fuq l-ispejjeż tal-enerġija tagħhom. Perċentwal għoli inaċċettabbli tal-unitajiet domestiċi Ewropej ma jistgħux jaffordjaw li jħallu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom.

L-infrastruttura tal-enerġija qed tiqdiem u mhijiex aġġustata għal żieda fil-produzzjoni mill-enerġiji rinnovabbli. Hemm bżonn li jiġu attirati l-investimenti, iżda t-tfassil attwali tas-suq u l-politiki nazzjonali ma jistabbilixxux l-inċentivi adattati u jipprovdu prevedibilità insuffiċjenti għall-investituri potenzjali.

Gżejjer tal-enerġija jkomplu jeżistu minħabba li bosta swieq mhumix konnessi tajjeb mal-ġirien tagħhom. Dan iżid l-ispejjeż li jħabbtu magħhom il-klijenti u jgħolli vulnerabilità f'termini tas-sigurtà tal-enerġija.

Għadna fuq quddiem fl-innovazzjoni u l-enerġija rinnovabbli, iżda partijiet oħra tad-dinja qed jilħquna b'rata mgħaġġla u diġà tliet l-impjazzjoni fir-rigward ta' uħud mit-teknoloġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju nodfa.

Il-bini fl-investiment ta' kumpaniji b'teknoloġija għolja, li jikkompetu globalment permezz ta' politiki stabbli se jgħibu l-impjiegi u t-tkabbir għall-Ewropa. Se jfeġġu setturi ġodda tan-negozju, mudelli ġodda ta' negozju u opportunitajiet ġodda ta' xogħol. Tali

² L-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà tal-Enerġija, COM (2014) 330.

³ Estimi tal-Kummissjoni L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (IEA) tistma li EUR 1,3 biljun huma meħtieġa sal-2025 f'ġenerazzjoni, trasport u distribuzzjoni.

⁴ Il-kalkoli tad-DĠ Enerġija bbażati fuq ir-rapporti tas-suq Platts u d-dejta tal-IEA għall-ewwel nofs tal-2014.

⁵ Eur'Observeur 2014 report.

⁶ Meta mqabbel mat-32 % tas-schem tal-UE tal-privattivi globali ġenerali.

⁷ UNEP-BNEF Global Trends in Renewable Energy Investments 2014.

bidla trasformattiva taffettwa profundament ir-rwoli tal-atturi kollha fis-sistema tal-enerġija, inklużi l-konsumaturi.

L-Ewropa teħtieġ li tagħmel l-għażliet it-tajba minn issa. Jekk tkompli fuq din it-triq, l-isfida inevitabbli ta' bidla għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju se ssir dejjem aktar diffiċli minħabba l-ispejjeż ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' swieq tal-enerġija nazzjonali frammentati. Il-prezzijiet baxxi attwali taż-żejt u tal-gass, sakemm idumu, għandhom jinħatfu bħala opportunità storika — meta kkombinati mal-ispiża li qed tonqos ta' forom iktar ekoloġiċi ta' enerġija, UE b'politika dwar il-klima b'saħħitha u l-emerġenza ta' teknoloġiji ġodda — biex terġa' tpoġġi l-politika tal-enerġija tal-UE fid-direzzjoni t-tajba: dik ta' Unjoni tal-Enerġija.

2. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

L-istrateġija tal-Unjoni dwar l-enerġija għandha ħames *dimensjonijiet* interrelatati mill-qrib u li jsaħħu lil xulxin, imfassla biex iġibu sigurtà tal-enerġija akbar, sostenibilità u kompetittività:

- Sigurtà, solidarjetà u fiduċja tal-enerġija;
- Suq Ewropew tal-enerġija integrat b'mod sħiħ;
- Effiċjenza enerġetika li tikkontribwixxi lejn il-moderazzjoni tad-domanda;
- Dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, u
- Riċerka, Innovazzjoni u Kompetittività

2.1. Sigurtà, solidarjetà u fiduċja tal-enerġija

F'Mejju 2014, il-Kummissjoni spjegat fl-Istrateġija tas-Sigurtà tal-Enerġija⁸ tagħha kif l-UE baqgħet vulnerabbli għal xokkijiet esterni fil-qasam tal-enerġija u talbet lil dawk li jfasslu l-politika fil-livell nazzjonali u tal-UE biex jagħmlu ċar għaċ-ċittadini l-għażliet involuti biex titnaqqas id-dipendenza tagħna fuq fjuwils, fornituri u rotot tal-enerġija partikolari. L-Unjoni tal-Enerġija hija bbażata fuq din l-istrateġija.

L-ixpruni ewlenin tas-sigurtà tal-enerġija huma t-tlestija tas-suq intern tal-enerġija u konsum aktar effiċjenti tal-enerġija. Dan jiddependi fuq aktar trasparenza kif ukoll fuq aktar solidarjetà u fiduċja bejn l-Istati Membri. Is-sigurtà tal-enerġija tal-UE hija marbuta mill-qrib mal-ġirien tagħha.

Approċċi konġunti fil-qasam tal-enerġija jista' jagħmel lil kull parti tal-Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha, pereżempju f'każ ta' nuqqas ta' provvista jew tħarbit. L-ispirtu ta' solidarjetà fi kwistjonijiet tal-enerġija huwa espliċitament imsemmi fit-Trattat, u huwa fil-qalba tal-Unjoni tal-Enerġija.

Id-diversifikazzjoni tal-provvista (is-sorsi tal-enerġija, il-fornituri u rotot)

L-isfidi politiċi matul dawn l-aħħar xhur urew li d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija, il-fornituri u r-rotot huma importanti ħafna biex jiġu żgurati provvisti tal-enerġija sikuri u b'saħħithom għaċ-ċittadini Ewropej u kumpaniji, li jistennaw aċċess għal enerġija bi prezz li jista' jintlaħaq u bi prezzijiet kompetittivi fi kwalunkwe mument. Sabiex tiġi

⁸ COM(2014) 330.

żgurata d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-gass, għandha tiġi intensifikata l-idma fuq il-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar biex tippermetti lill-pajjiżi tal-Asja Ċentrali jesportaw il-gass lejn l-Ewropa. Fl-Ewropa ta' Fuq, l-istabbiliment ta' ċentri tal-gass likwidu b'bosta fornituri qed itejjeb bil-ħafna s-sigurtà tal-provvista. Dan l-eżempju għandu jiġi segwit fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, u fiż-żona tal-Mediterran, fejn ċentru tal-gass tal-Mediterran qed jinholq.

Il-bini tal-infrastruttura li tagħti sorsi ġodda ta' gass lill-UE tinvolvi bosta sħab, u hija kemm kumplessa kif ukoll għolja. Is-soluzzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet jeħtieġu azzjoni determinata fil-livell tal-UE. Il-Kummissjoni se ssaħħa l-appoġġ tagħha għal dan il-proċess permezz tal-użu tal-istrumenti Komunitarji ta' finanzjament disponibbli kollha b'mod partikolari l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (European Fund for Strategic Investments, EFSI) futuri, u bl-involvement sħiħ tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej. Madankollu, l-infrastruttura meħtieġa għandha wkoll tiġi stabbilita fl-UE, inkluża l-possibilità ta' flussi fid-direzzjoni opposta, li jġibu l-gass sa fejn ikun meħtieġ.

Se nesploraw il-potenzjal sħiħ ta' gass naturali likwifikat (liquefied natural gas, LNG), inkluż bħala back-up f'sitwazzjonijiet ta' kriżi meta l-gass li jkun dieħel lejn l-Ewropa permezz tas-sistema tal-pipeline eżistenti jkun insuffiċjenti. Żidiet fil-kummerċ tal-LNG se jgħin biex iqarreb il-prezzijiet tal-gass naturali dinjija lejn xulxin. Il-prezzijiet tal-LNG matul dawn l-aħħar snin kienu għola meta mqabbla mal-gass tal-pipeline minħabba, b'mod partikolari, l-ispejjeż għolja u d-domanda ta' likwefazzjoni, rigassifikazzjoni u trasport fl-Asja. Sabiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, il-Kummissjoni se tipprepara strateġija komprensiva tal-LNG, li se tħares ukoll lejn l-infrastruttura tat-trasport meħtieġa li tgħaqqad punti ta' aċċess tal-LNG mas-suq intern. Il-potenzjal ta' ħażna tal-gass fl-Ewropa u l-qafas regolatorju li hu meħtieġ sabiex tiġi żgurata ħażna tal-gass suffiċjenti għax-xitwa se tiġi indirizzata wkoll f'dan il-kuntest. Il-Kummissjoni se taħdem ukoll biex tneħħi l-ostakli għall-importazzjonijiet tal-LNG mill-Istati Uniti u produttori oħra tal-LNG.

Minħabba d-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjoni u l-isfidi globali tat-tibdil fil-klima, jeħtieġ li nieħdu miżuri addizzjonali biex jitnaqqas il-konsum taż-żejt tagħha. Il-prezzijiet taż-żejt huma attwalment baxxi minħabba l-produzzjoni żejda, flimkien ma' konsum aktar baxx u żieda fl-effiċjenza tal-enerġija⁹.

L-UE hija dipendenti ħafna fuq l-importazzjoni ta' fjuwil nukleari u servizzi relatati għal Stati Membri fejn l-enerġija nukleari hija parti mit-taħlita tal-enerġija. Id-diversifikazzjoni tal-provvista hija importanti biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista. Il-Kummissjoni se taġġorna u ssaħħa ir-rekwiżiti dwar l-informazzjoni li għandha tingħata, skont l-Artikolu 41 tat-Trattat Euratom, dwar proġetti ta' stallazzjoni nukleari.

L-enerġija prodotta internament tikkontribwixxi wkoll biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-enerġija tal-Ewropa. Dan jinkludi partikolarment rinnovabbli, meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni, kif ukoll konvenzjonali u — għal dawk l-Istati Membri li jagħżluha — riżorsi fossili mhux konvenzjonali. Il-produzzjoni taż-żejt u l-gass minn sorsi mhux konvenzjonali fl-Ewropa bħall-gass tax-shale hija għażla, sakemm il-kwistjonijiet ta' aċċettazzjoni pubblika u tal-impatt ambjentali jkun indirizzati b'mod adegwat.

⁹ It-tmexxija tal-UE se tkompli tmexxi l-quddiem titjib fl-istandards u l-effiċjenza fuq livell globali, tnaqqas il-konsum taż-żejt fil-futur u b'hekk id-dipendenza tal-UE.

Ħidma flimkien dwar is-sigurtà tal-provvista

L-Istati Membri, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, l-industrija tal-enerġija u l-partijiet interessati l-oħra kollha jridu jaħdmu flimkien mill-qrib biex jiżguraw livell għoli ta' sigurtà tal-enerġija għaċ-ċittadini u l-kumpaniji Ewropej.

Fir-rigward taż-żejt, ittieħdu passi importanti diġà bl-adozzjoni ta' direttiva dwar il-Ħażniet taż-Żejt tal-2009¹⁰, li tipprevedi obbligi fuq l-Istati Membri biex jibnu u jżommu ħażniet minimi ta' prodotti taż-żejt mhux maħdum u petroliferi.

L-Istati Membri għandhom ikunu żgurati li f'sitwazzjonijiet tal-provvista ristretta, huma jistgħu jiddependu fuq il-ġirien tagħhom. Ir-rapport tal-Kummissjoni tal-2014 dwar ir-reżiljenza fis-settur tal-gass¹¹ enfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha fit-tweġiba għal interruzzjoni potenzjali tal-provvista. Biex tintroduċi ġestjoni tal-kriżi komuni, il-Kummissjoni se tipproponi pjanijiet ta' prevenzjoni u ta' emerġenza fil-livell reġjonali u fil-livell tal-UE, inklużi l-partijiet kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija. Is-solidarjetà fost l-Istati Membri, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżijiet tal-provvista, għandha tissaħħaħ. Dawn il-kwistjonijiet u l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tar-Regolament se jiġu kkunsidrati meta tkun qed tipproponi reviżjoni tar-Regolament dwar is-Sigurtà tal-Provvista tal-Gass.

Il-Kummissjoni se tivvaluta l-għażliet għal mekkaniżmi volontarji għall-aggregazzjoni tad-domanda għal xiri kollettiv ta' gass matul kriżi u fejn l-Istati Membri huma dipendenti fuq fornitur wieħed. Dan għandu jkun kompletament konformi mar-regoli tad-WTO u r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE.

Bosta Stati Membri bħalissa għandhom oqfsa ta' sigurtà tal-provvista tal-elettriku inadegwata fis-seħħ u jużaw approċċi skaduti u inkonsistenti biex jivvalutaw is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku. F'idma flimkien mal-Istati Membri, il-Kummissjoni se tistabbilixxi firxa ta' livelli aċċettabbli ta' riskju għall-interruzzjonijiet fil-provvista, u valutazzjoni tas-sigurtà tal-provvista bbażata fuq il-fatti, oġġettiva, madwar l-UE kollha kemm hi, u li tindirizza s-sitwazzjoni fl-Istati Membri. Dan se jqis il-flussi transfruntiera, produzzjoni rinnovabbli varjabbli, ir-rispons għad-domanda u l-possibilitajiet ta' ħżin. Il-mekkaniżmi ta' kapaċità għandhom jiġu żviluppati biss biex jindirizzaw is-sigurtà tal-provvista jekk valutazzjoni tal-adeqwatezza tas-sistema reġjonali tindika ħtieġa bħal din, filwaqt li jitqies il-potenzjal tal-effiċjenza tal-enerġija u r-reazzjoni min-naħa tad-domanda¹².

Ir-rwol Ewropew aktar b'saħħitu fis-swieq globali tal-enerġija

L-Unjoni tal-Enerġija mhuwiex proġett li jħares 'il ġewwa. UE aktar b'saħħitha u aktar magħquda tista' timpenja ruħha b'mod aktar kostruttiv mal-imsieħba tagħha, għall-benefiċċju reċiproku tagħhom.

Il-politika tal-enerġija ta' spiss tintuża bħala għodda ta' politika barranija, b'mod partikolari fl-akbar pajjiżi li jipproduċu l-enerġija u pajjiżi ta' tranżitu. Din ir-realtà għandha titqies meta tiġi diskussa l-politika barranija tal-enerġija tal-Ewropa.

¹⁰ Id-Direttiva 2009/119/KE tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2009 li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u / jew ta' prodotti petroliferi.

¹¹ COM(2014) 654 finali.

¹² Ara l-Komunikazzjoni "Li jsir l-aħjar użu ta' interventi pubbliċi", C(2013) 7243.

Għalhekk, l-Unjoni Ewropea għandha ttejjeb l-abilità tagħha li tipproġetta l-piż tagħha fuq is-swieq globali tal-enerġija. Flimkien mal-imsieħba ewlenin tagħha, l-Unjoni Ewropea se taħdem lejn sistema mtejbja ta' governanza globali għall-enerġija, li twassal għal swieq globali tal-enerġija aktar kompetittivi u trasparenti.

Il-politika tal-UE dwar il-kummerċ tikkontribwixxi għal sigurtà akbar fl-enerġija u diversifikazzjoni permezz tal-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet relatati mad-dispożizzjonijiet tal-enerġija fil-ftehimiet kummerċjali mal-imsieħba tagħha. Meta l-UE tinneogħja ftehimiet ma' pajjiżi li huma importanti mill-perspettiva ta' sigurtà ta' provvista, il-Kummissjoni se jkollha l-priorità li tinneogħja dispożizzjonijiet speċifiċi tal-enerġija li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-enerġija, b'mod partikolari l-aċċess għar-riżorsi, u l-miri tal-enerġija sostenibbli tal-Unjoni tal-Enerġija. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni se tkompli b'aġenda kummerċjali u ta' investiment attiva fil-qasam tal-enerġija, inkluż l-aċċess għas-swieq barranin għal teknoloġija u servizzi tal-enerġija Ewropew¹³.

Bħala parti mid-diplomazija Ewropea tal-enerġija u l-klima rivitalizzata, l-UE se tuża l-istrumenti kollha tagħha ta' politika barranija biex tistabbilixxi sħubijiet strateġiċi tal-enerġija ma' pajjiżi produttori u ta' transitu dejjem aktar importanti jew reġjuni bħall-Alġerija u t-Turkija; l-Azerbajġan u t-Turkmenistan; il-Lvant Nofsani; l-Afrika u fornituri potenzjali oħra.

L-UE se tiżviluppa iktar is-sħubija tagħha man-Norveġja, it-tieni l-akbar fornitur tal-UE ta' żejt mhux maħdum u gass naturali. L-UE se tkompli tintegra n-Norveġja bis-sħiħ fil-politiki interni tagħha tal-enerġija. L-UE se tiżviluppa wkoll is-sħubijiet tagħha ma' pajjiżi bħall-Istati Uniti u l-Kanada.

Meta l-kundizzjonijiet ikunu tajbin, l-UE se tikkunsidra qafas ġdid għar-relazzjoni tal-enerġija mar-Russja bbażati fuq kundizzjonijiet indaqs f'termini ta' ftuħ tas-suq, kompetizzjoni ġusta, protezzjoni ambjentali u sigurtà, għall-benefiċċju reċiproku taż-żewġ naħat.

Se tingħata attenzjoni partikolari lit-titjib tas-Sħubija Strateġika dwar l-enerġija mal-Ukraina. Dan se jindirizza kwistjonijiet relatati mal-importanza tal-Ukraina bħala pajjiż ta' tranżitu kif ukoll dawk relatati ma' riformi tas-suq tal-enerġija tal-Ukraina, bħall-aġġornament tan-netwerk tal-gass tagħha, l-istabbiliment ta' qafas regolatorju xieraq għas-suq tal-elettriku u ż-żieda fl-effiċjenza tal-enerġija fl-Ukraina bħala mezz biex titnaqqas id-dipendenza tagħha fuq l-enerġija importata.

Fil-viċinat immedjat tagħna, il-Kummissjoni se tipproponi t-tisħiħ tal-Komunità tal-Enerġija, biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-acquis tal-UE dwar l-enerġija u l-kompetizzjoni, ir-riformi tas-suq tal-enerġija u inċentivati l-investimenti fis-settur tal-enerġija. L-għan huwa integrazzjoni iktar mill-qrib tal-UE u s-swieq tal-Enerġija tal-Komunità. Ir-relazzjonijiet tal-enerġija mal-pajjiżi tas-Sħubija Ewropea tal-Viċinat (PEV) se jitqiesu fl-eżami li għaddej tal-PEV.

Aktar trasparenza dwar il-provvista tal-gass

Element importanti fl-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija (u b'mod partikolari l-gass) hija l-konformità sħiħa tal-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija minn pajjiżi terzi mal-liġi tal-UE.

¹³ Inizjattivi bħal "kummerċ fi prodotti ekoloġiċi" se jgħinu biex jippromwovu prodotti li jgħinu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂, li huma ta' benefiċċju għall-ambjent u jgħolqu l-impjiegi u t-tkabbir fl-UE.

Dawn il-kontrolli ta' konformità għal Ftehimiet Intergovernattivi (IGAs) u ftehimiet kummerċjali relatati bbażati fuq id-Deċizjoni¹⁴ rilevanti attwalment qed isiru wara Stat Membru u pajjiż terz ikunu kkonkludew ftehim. Fil-prattika, rajna li nnegozzjar mill-ġdid ta' tali ftehimiet hija diffiċli ħafna. Il-pożizzjonijiet tal-firmatarji jkunu diġà stabbiliti, li jgħid pressjoni politika biex ma jinbidel ebda aspett tal-ftehim. Fil-ġejjieni, il-Kummissjoni għandha tkun infurmata dwar in-negozzjar ta' ftehimiet intergovernattivi minn stadju bikri, sabiex issir valutazzjoni *ex ante* aħjar tal-kompatibilità tal-IGAs mar-regoli tas-suq intern u jkunu żgurati l-kriterji tas-sigurtà tal-provvista. Il-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni f'dawn in-negozzjati ma' pajjiżi terzi u moviment lejn klawżoli kuntrattwali standard tista' wkoll b'mod aktar effettiv tevita pressjoni mhux dovuta u tiżgura r-rispett tar-regoli Ewropej. Għalhekk, il-Kummissjoni se tirrevedi d-Deċiżjoni tal-Ftehimiet Intergovernattivi u se tippromovi għażliet biex jiġi żgurat li l-UE titkellem b'vuċi waħda f'negozzjati ma' pajjiżi terzi.

Fil-kuntest tar-reviżjoni tar-Regolament dwar is-Sigurtà tal-Provvista tal-Gass, il-Kummissjoni se tippromovi wkoll biex tkun żgurata trasparenza xierqa ta' kuntratti ta' provvista tal-gass kummerċjali li jista' jkollhom impatt fuq is-sigurtà tal-enerġija tal-UE, filwaqt li tiġi salvagwardjata l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni sensittiva.

2.2. Suq intern tal-enerġija integrat bis-sħiħ

Minkejja l-progress li sar fi snin reċenti, is-sistema tal-enerġija tal-Ewropa għadha mhijiex qed trendi l-potenzjal kollu tagħha. It-tfassil attwali tas-suq ma jwassalx għal investimenti suffiċjenti, il-konċentrazzjoni tas-suq u kompetizzjoni dgħajfa jibqgħu kwistjoni u x-xenarju tal-enerġija Ewropea għadha frammentata wisq. Għandna nagħtu spinta politika ġdida biex jitlestha s-suq intern tal-enerġija.

Il-hardware tas-suq intern: il-konnessjoni tas-swieq permezz ta' interkonnessjonijiet

F'dan il-mument, is-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass Ewropea, b'mod partikolari l-konnessjonijiet transfruntiera, mhumix biżżejjed sabiex is-suq intern tal-enerġija jaħdem kif suppost u biex ikun hemm konnessjoni tal-gzejjier tal-enerġija li għad fadal fin-netwerk ewlieni tal-elettriku.

Il-ħidma fuq proġetti infrastrutturali ġie aċċellerat f'dawn l-aħħar snin, aktar u aktar fid-dawl ta' avvenimenti reċenti fil-fruntiera tal-Lvant tal-Unjoni Ewropea. Fl-2013, l-Unjoni Ewropea identifikat 248 Proġett tal-infrastruttura tal-enerġija ta' Interess Komuni (Projects of Common Interest, PCIs). Il-lista se tiġi riveduta u aġġornata aktar tard din is-sena u mbagħad mill-ġdid kull sentejn¹⁵. Fl-2014, l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà għall-Enerġija identifikat 33 proġett ta' infrastruttura li huma essenzjali biex tittejjeb is-sigurtà tal-provvista u biex jingħaqdu aħjar is-swieq tal-enerġija.

Mira minima speċifika ta' interkonnessjoni ġiet stabbilita għall-elettriku ta' 10 % tal-kapaċità ta' produzzjoni ta' elettriku installata tal-Istati Membri, li għandu jinkiseb sal-2020. Il-miżuri meħtieġa biex tinkiseb din il-mira ta' 10 % huma stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'dan il-Qafas Strateġiku tal-Unjoni tal-

¹⁴ Id-Deċiżjoni Nru 994/2012/UE li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija.

¹⁵ Dan l-aġġornament se jinkludi Proġetti strateġiċi ta' Enerġija ta' Interess Komunitarju (Projects of Energy Community Interest, PECIs) li huma importanti biex itejbu s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni tal-Enerġija, jekk ikunu wkoll konformi mal-kriterji biex isiru PCIs.

Enerġija. Fl-2016, il-Kummissjoni tirrapporta dwar il-miżuri meħtieġa sabiex tintlaħaq il-mira ta' 15 % sal-2030.

It-tranżizzjoni lejn sistema ta' enerġija aktar sigura u sostenibbli se teħtieġ investimenti kbar f'ġenerazzjoni, networks u effiċjenza enerġetika, stmat għal madwar EUR 200 biljun kull sena fid-deċennju li ġej¹⁶. Filwaqt li s-settur privat se jgħorri l-ispejjeż ta' ħafna minn dawn l-investimenti, l-aċċess għall-finanzjament se jkun importanti. Illum, diġà jipprovdu l-mezzi l-Bank Ewropew tal-Investment, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u finanzjament mill-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej. Barra minn hekk, il-proposta tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi se ttipprovdi appoġġ addizzjonali, u għalhekk, jiġi ffaċilitat aktar l-aċċess għall-finanzi għal proġetti ta' sinifikat Ewropew bħal fin-networks tal-enerġija, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Il-Kummissjoni se tesplora proposti għal reġimi tal-investment fl-enerġija li jiġbru riżorsi biex jifinanzjaw investimenti ekonomikament vijabbli, biex tiġi evitata d-distorsjoni u l-frammentazzjoni tas-suq.

L-investituri jistgħu jużaw il-Portal ta' Investment li qed jiġu stabbilit bħala parti mill-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi li huwa mfassal biex jagħti spinta lit-trasparenza ta' sensiela ta' proġetti ta' investment tal-UE biex jagħmlu l-informazzjoni aċċessibbli għal investituri potenzjali. Il-Kummissjoni se tiġbor ukoll informazzjoni dwar proġetti tal-infrastruttura ffinanzjati permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-Fondi ta' Politika ta' Koeżjoni tal-UE, biex ikun hemm aktar koerenza f'varjetà kbira ta' skemi ta' finanzjament eżistenti u biex jiġi massimizzat l-impatt tagħhom.

Il-Kummissjoni se tieħu kont regolarment tal-implimentazzjoni ta' proġetti kbar ta' infrastruttura li jikkontribwixxu għall-Unjoni tal-Enerġija, b'mod partikolari fil-qafas tas-segwitu tal-PCI. Bħala parti minn dan l-eżerċizzju ta' rendikont, hija se tagħmel rapport annwali dwar il-progress biex tintlaħaq il-mira ta' 10 % ta' interkonnessjoni tal-elettriku b'fokus speċifiku fuq l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni reġjonali. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se torganizza wkoll struttura dedikata ta' Forum għall-Infrastruttura tal-Enerġija fejn il-progress għandu jiġi diskuss mal-Istati Membri, gruppi ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti kif ukoll mal-istituzzjonijiet tal-UE. Dan se jiltaqa' għall-ewwel darba fi tmiem l-2015.

L-implimentazzjoni u l-aġġornar tas-software tas-suq intern tal-enerġija

L-implimentazzjoni sħiħa u l-infurzar strett tal-enerġija eżistenti u leġislazzjoni relatata hija l-ewwel prijarità biex tiġi stabbilita Unjoni tal-Enerġija. Ma hemm l-ebda punt li jiġu żviluppati politiki ġodda u approċċi fuq pedamenti dgħajfa.

Il-Kummissjoni se tuża l-istrumenti politiċi kollha disponibbli f'dan ir-rigward u se tinsisti li l-Istati Membri jimplimentaw u jinfurzaw it-Tielet Pakkett tas-Suq Intern tal-Enerġija, b'mod partikolari rigward is-separazzjoni u l-indipendenza tar-regolaturi. Ċerti kundizzjonijiet *ex ante* għandhom jiġu ssodisfati sabiex il-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej ikunu jistgħu jintużaw għall-kofinanzjament tal-investimenti tal-enerġija. Dan se jgħin biex tiġi żgurata konformità mal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-enerġija.

Infurzar strett tar-regoli tal-kompetizzjoni tat-Trattat se jgħin biex jipprevjeni l-kumpaniji milli jfikklu s-suq intern tal-enerġija. L-infurzar tal-antitrust jiżgura li l-enerġija tista' timxi b'libertà billi jiġu indirizzati restrizzjonijiet territorjali f'kuntratti ta' provvista kif

¹⁶ Il-pjan ta' investment tal-UE, COM(2014) 903.

ukoll iktar 'il fuq / iktar 'l isfel fil-katina ta' attivitajiet u kwistjonijiet ta' esklużjoni tan-netwerk (inklużi l-interkonnetturi). Il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll — permezz tal-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni — l-evoluzzjoni u l-formazzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija.

Suq intern tal-enerġija li jiffunzjona sew jeħtieġ qafas regolatorju effikaċi. It-Tielet Pakkett tas-Suq Intern tal-Enerġija jistabbilixxi korpi biex jiżguraw il-kooperazzjoni fost l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u r-regolaturi. Fil-kuntest tad- diskussjoni tad-disinn tas-suq, il-funzjonament ta' dawn il-korpi se tissaħħa. Bħalissa, deċiżjonijiet f'dawn il-korpi għadhom jirriflettu fehmiel nazzjonali.

L-operazzjoni tas-sistema ta' trasmissjoni se jkollha ssir ħafna aktar integrata biex tilħaq l-isfidi ta' sistema tal-enerġija mibdula. In-Networks Ewropej tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Elettriku u tal-Gass (European Networks of Transmission System Operators for Electricity and Gas, ENTSO-E/G), li kienu wkoll stabbiliti permezz tat-Tielet Pakkett tas-Suq Intern tal-Enerġija, jeħtieġu li jiġu aġġornati biex jaqdu dan ir-rwol. Se jinħolqu ċentri operattivi reġjonali sabiex huma jkunu jistgħu jipplanaw u jiġġestixxu b'mod effettiv flussi transfruntiera tal-elettriku u l-gass.

L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (Agency for Cooperation of Energy Regulators, ACER) ġie stabbilit skont it-Tielet Pakkett tas-Suq Intern tal-Enerġija biex tgħin lir-regolaturi nazzjonali, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet transfruntiera. Madankollu, ACER attwalment taġixxi primarjament permezz ta' rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet. Hija għandha drittijiet ta' teħid tad-deċiżjonijiet limitata ħafna, pereż, tista' tieħu biss deċiżjonijiet wara talba tar-regolaturi nazzjonali jew jekk jonqsu milli jieħdu deċiżjoni f'ċertu perjodu ta' żmien. Regolament għall-UE kollha tas-suq uniku għandha tissaħħa, permezz ta' tisħiħ sinifikanti tas-setgħat u l-indipendenza tal-ACER biex iwettqu l-funzjonijiet regolatorji f'livell Ewropew sabiex tkun tista' tissorvelja l-iżvilupp tas-suq intern tal-enerġija u r-regoli tas-suq relatati kif ukoll biex tittratta l-kwistjonijiet transfruntiera kollha meħtieġa għall-ħolqien ta' suq intern mingħajr xkiel¹⁷.

It-Tielet Pakkett tas-Suq Intern tal-Enerġija jiddisponi wkoll għall-adozzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerk sabiex jgħin biex tiġi armonizzata l-fluss tal-elettriku u tal-gass bejn sistemi ta' trasmissjoni differenti. Dan ix-xogħol irid jitlesta biex ikun żgurat funzjonament aħjar tas-swieq transfruntiera tal-enerġija.

L-integrazzjoni tas-suq ta' ġenerazzjoni ta' elettriku rinnovabbli teħtieġ swieq flessibbli, kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll tad-domanda, fi u lil hinn mill-fruntieri ta' Stat Membru. Il-grids tal-elettriku għandhom għalhekk jevolvu b'mod sinifikanti. Hemm bżonn li jitwessgħu l-possibilitajiet ta' ġenerazzjoni distribwita u l-ġestjoni fuq in-naħa tad-domanda, inkluż is-swieq intraday, biex jiġu żviluppati konnessjonijiet ġodda ta' vultaġġ għoli fuq distanzi twal (supergrids) u teknoloġiji ġodda ta' ħżin.

Il-Kummissjoni se tħejji proposta leġislativa ambizzjuża biex jiġi mfassal mill-ġdid is-suq tal-elettriku u li jorbot is-suq bl-ingrossa u bl-imnut. Dan se jżid is-sigurtà tal-provvista u jiżgura li s-suq tal-elettriku se jkun adattat aħjar għat-tranżizzjoni tal-enerġija li se ġġib għadd kbir ta' produttori ġodda, b'mod partikolari ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, kif ukoll jippermetti parteċipazzjoni sħiħa tal-konsumaturi fis-suq b'mod

¹⁷ Eżempji ta' dan jistgħu jkunu deċiżjonijiet relatati ma' infrastruttura ġdida li taffettwa aktar minn żewġ Stati Membri, dwar eżenzjonijiet minn flussi fiżiċi bidirezzjonali skont ir-Regolament dwar is-Sigurtà tal-Provvista tal-Gass, allokkazzjonijiet tal-ispejjeż transfruntiera skont ir-Regolament TEN-E jew simili.

partikolari permezz ta' reazzjoni għad-domanda. Integrazzjoni aktar mill-qrib, inkluż fuq livell reġjonali, aktar kummerċ transfruntiera u l-iżvilupp ta' swieq kemm għal perġodu qasir kif ukoll fit-tul b'formazzjoni tal-prezzijiet effettiva se jagħti sinjali ta' investiment tajbin kif ukoll il-flessibilità meħtieġa biex tippermetti l-integrazzjoni tas-suq ta' sorsi ta' ġenerazzjoni għda.

Suq intern tal-enerġija li jiffunzjona bis-sħiħ, li jipprovdi sinjali ta' investiment effiċjenti, huwa l-aħjar mezz biex titnaqqas il-ħtieġa għal mekkaniżmi ta' kapaċità. Il-Kummissjoni diġà stabbiliet gwida¹⁸ u regoli¹⁹ li jillimitaw l-effetti negattivi ta' interventi pubbliċi mhux koordinati, mhux imfassla sew, u frammentati. Madankollu, l-applikazzjoni effettiva ta' din il-gwida tista' tkun biss l-ewwel pass biex jiġi żgurat li l-arranġamenti tas-suq nazzjonali diverġenti, bħall-mekkaniżmi ta' kapaċità u l-iskemi ta' sostenn għall-enerġija rinnovabbli mhux koordinati għandhom jiġu aktar kumpatibbli mas-suq intern²⁰. Għalkemm f'xi każijiet huma meħtieġa u ġustifikati biex jindirizzaw nuqqasijiet tas-suq, xi forma ta' intervent pubbliku kellhom impatt negattiv serju fuq it-tħaddim effettiv tas-suq intern tal-enerġija. Il-Kummissjoni se taħdem flimkien mal-Istati Membri biex tiżgura li l-mekkaniżmi ta' kapaċità u sostenn għal elettriku rinnovabbli huma kompletament konformi mar-regoli eżistenti u ma jfixklux is-suq intern tal-enerġija. Is-sussidji li huma ta' ħsara għall-ambjent għandhom jitneħħew għal kollox²¹. Sistema tal-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet riformata se jkollha rwol importanti wkoll fl-istabbiliment ta' sinjali ta' investiment tajbin.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tiżgura aktar trasparenza fil-kompożizzjoni tal-ispejjeż u l-prezzijiet tal-enerġija permezz tal-iżvilupp ta' monitoraġġ u rappurtar regolari u dettaljati, inkluż dwar l-impatti tal-ispejjeż u l-prezzijiet tal-enerġija fuq il-kompetittività. Se tingħata attenzjoni partikolari għal interventi pubbliċi bħal tariffi regolati, il-politiki ta' tassazzjoni fuq l-enerġija u l-livell ta' appoġġ pubbliku, kif ukoll l-impatt tagħhom fuq mekkaniżmi ta' prezzijiet, inklużi żbilanċi ta' tariffi tal-elettriku.

Kooperazzjoni reġjonali msaħħa fi ħdan qafas komuni tal-UE

F'Unjoni tal-Enerġija, l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw u jikkooperaw mal-ġirien tagħhom fl-iżvilupp tal-politiki tal-enerġija tagħhom.

L-implimentazzjoni teknika tal-elementi differenti ta' strateġija tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna se tkun kumplessa ħafna. Xi elementi, bħal arranġamenti għodda fis-suq għal żmien qasir tas-swieq tal-gass u tal-elettriku, jew l-integrazzjoni tal-operazzjonijiet tal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni għandhom jiġu żviluppati u implimentati fil-livell reġjonali bħala pass lejn livell massimu ta' integrazzjoni tas-swieq mal-UE kollha. L-arranġamenti eżistenti bħall-Forum Pentalaterali dwar l-Enerġija jew il-Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku (Baltic Energy Market Interconnection Plan, BEMIP) huma inizjattivi li fuqhom għandu jinbena aktar. Is-suċċessi f'dawn ir-reġjuni għandu jaġixxi bħala katalist għal reġjuni oħra. Il-Kummissjoni se tiżgura li l-inizjattivi reġjonali kollha jevolvu b'mod koerenti u li jwasslu lejn Suq Uniku tal-Enerġija integrat b'mod sħiħ.

¹⁸ Ara l-Komunikazzjoni "Li jsir l-aħjar użu ta' interventi pubbliċi", C(2013) 7243.

¹⁹ Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ambjent u l-enerġija (EEAG), ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1-55.

²⁰ L-applikazzjoni tal-EEAG għall-iskemi ta' appoġġ approvati sa issa llimita parzjalment l-effetti ta' frammentazzjoni, madankollu, hemm bżonn ta' aktar azzjoni.

²¹ Ara l-Pjan direzzjonali dwar l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi (COM(2011) 571) u Il-Komunikazzjoni tal-2012 dwar is-suq intern tal-enerġija (COM(2012) 663), b'konformità mal-impenn tal-G20.

Minħabba l-vulnerabilità partikolari tagħhom, hemm bżonn li titjieb il-kooperazzjoni, is-solidarjetà u l-fiduċja f'din il-parti tal-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk. Arranġamenti ta' kooperazzjoni ddedikati jgħinu biex titħaffef l-integrazzjoni aħjar ta' dawn is-swieq fis-suq usa' tal-enerġija tal-Ewropa li ttejjeb il-likwidità u r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija u tippermetti użu sħiħ tal-effiċjenza tal-enerġija tar-reġjun u l-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli. Il-Kummissjoni se tieħu inizzjattivi konkreti f'dan ir-rigward bħala prijetà urġenti.

Għall-Ibħra tat-Tramuntana u Baltiku, il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri u l-industrija dwar il-kisba ta' tnaqqis tal-ispejjeż għal dawn is-sistemi tal-enerġija lil hinn mill-kosta.

Patt ġdid għall-konsumaturi

F'Unjoni tal-Enerġija, il-konsumaturi fi Stat Membru wieħed għandhom ikunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati u jixtru l-enerġija tagħhom b'mod liberu u sempliċiment minn kumpanija fi Stat Membru ieħor. Dan jeħtieġ aktar adattament tal-oqfsa regolatorji nazzjonali attwali minħabba li l-biċċa l-kbira tad-unitajiet domestiċi Ewropej jibqgħu l-konsumaturi passivi. F'xi Stati Membri, il-konsumaturi jkollhom għażla limitata ta' fornituri u l-bdil bejn fornituri huwa relattivament ikkumplikati.

Sabiex tingħata s-setgħa lill-konsumaturi, l-Istati Membri u l-awtoritajiet tagħhom jeħtieġu li jimplimentaw bis-sħiħ u jinforzaw ir-regoli Ewropej eżistenti, inklużi r-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur. Għandhom jittieħdu l-miżuri neċessarji ta' sostenn minn awtoritajiet reġjonali u lokali wkoll, sabiex il-konsumaturi jkollhom informazzjoni faċilment aċċessibbli, li tintfieh, għodod faċli għall-utent, u inċentivi finanzjarji biex jiffrankaw l-enerġija.

Teknoloġiji intelliġenti se jgħinu lill-konsumaturi u l-kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija li jaħdmu għalihom biex jiġu sfruttati l-opportunitajiet disponibbli fis-suq tal-enerġija billi jieħdu f'idejhom il-kontroll tal-konsum tal-enerġija tagħhom (u possibbilment l-awtoproduzzjoni). Dan se jagħti aktar flessibilità fis-suq u potenzjalment inaqqas il-kontijiet tal-konsumaturi.

Il-Kummissjoni se tkompli tagħti spinta għal standardizzazzjoni nazzjonali u biex tappoġġa t-tnedija ta' arloġġ intelligenti²² u biex jiġi promoss aktar żvilupp ta' tagħmir intelliġenti u grids intelliġenti, sabiex jiġi ppremjat l-użu flessibbli tal-enerġija. Hija se tiżviluppa sinerġiji bejn l-Unjoni tal-Enerġija u l-aġenda tas-Suq Uniku Diġitali u tieħu miżuri sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-privatezza u ċ-ċibersigurtà.

Madankollu, dan se jirnexxi biss jekk il-prezzijiet tas-suq jinbagħtu s-sinjali t-tajba. F'għadd ta' Stati Membri, it-tariffi rregolati għadhom jillimitaw l-iżvilupp ta' kompetizzjoni effettiva, li jiskoraġġixxi l-investimenti u l-emerġenza ta' atturi ġodda fis-suq. Prezzijiet rregolati għall-utenti finali huma ta' spiss użati biex l-unitajiet domestiċi jew anki klijenti mhux domestiċi jiġu protetti minn żidiet fl-ispejjeż tal-enerġija. L-impatt ta' miżuri bħal dawn jaqa' fuq il-klijenti mhux rregolati, fuq kumpaniji tal-elettriku u / jew il-finanzi pubbliċi, fejn żbilanċi ta' tariffi tal-elettriku huma sostnuti. Madankollu, fuq medda twila ta' żmien, dawn il-miżuri jkun ta' ħsara għall-interessi tal-konsumaturi li suppost jissalvagwardjaw. Il-Kummissjoni se tfitteż l-eliminazzjoni gradwali ta' prezzijiet irregolati li jkun inqas mill-ispejjeż sal-2016 permezz tal-kompetizzjoni u

²² Ara r-rapport "Valutazzjoni komparattiva tal-utilizzazzjoni tal-metraġġ intelliġenti fl-UE-27 b'enfasi fuq l-elettriku", COM(2014) 356.

oqfsa ta' governanza ekonomika. Se tinkoraġġixxi wkoll lill-Istati Membri biex jistabbilixxu pjan ta' direzzjoni għat-tneħħija gradwali tal-prezzijiet regolati kollha.

Il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli

Il-faqar fl-enerġija jaffettwa b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-ħajja u s-saħħa. Hija għandha diversi kawżi, li jirriżultaw l-aktar minn taħlita ta' introjtu baxx u kundizzjonijiet ġenerali fil-faqar, djar ineffiċjenti u sistema ta' tenuta ta' djar li tonqos milli tinkoraġġixxi l-effiċjenza tal-enerġija. Il-faqar fl-enerġija jista' jiġi indirizzat biss permezz ta' taħlita ta' miżuri, l-aktar fil-qasam soċjali u fil-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali. Fl-eliminazzjoni ta' prezzijiet regolati, l-Istati Membri jeħtieġu li tipproponu mekkaniżmu għall-protezzjoni tal-konsumaturi vulnerabbli, li jista' preferibbilment jiġi pprovdut permezz tas-sistema ġenerali tas-sigurtà soċjali. Jekk ikun ipprovdut permezz tas-suq tal-enerġija, jista' jiġi implimentati permezz ta' skemi bħal tariffi ta' solidarjetà jew bħala tnaqqis fuq il-kontijiet tal-enerġija. L-ispiża ta' dawn l-iskemi jeħtieġ li tiġi koperta minn klijenti mhux eliġibbli b'mod kollettiv. Għalhekk, huwa importanti li sistema bħal din tkun immirata sew biex l-ispejjeż globali jinżammu baxxi u biex jillimitaw id-distorsjonijiet li joħorġu minn prezzijiet regolati (pereż. ma jiżdiedux aktar żbilanċi ta' tariffi fl-Istati Membri).

2.3. Effiċjenza fl-użu tal-enerġija bħala kontribut lejn il-moderazzjoni tad-domanda għall-enerġija

Il-Kunsill Ewropew stabbilixxa f'Ottubru 2014 mira indikattiva fil-livell tal-UE ta' mill-inqas 27 % għat-titjib tal-effiċjenza tal-enerġija fl-2030. Dan se jiġi rivedut sal-2020, b'kont meħud tal-livell tal-UE ta' 30 %. F'dan il-kuntest huwa meħtieġ li l-effiċjenza enerġetika jiġi maħsub mill-ġdid b'mod fundamentali u tiġi trattata bħala sors tal-enerġija fiha nnifisha, li tirrappreżenta l-valur ta' enerġija ffrankata. Bħala parti mir-reviżjoni tad-disinn tas-suq, il-Kummissjoni se tiżgura li l-effiċjenza tal-enerġija u r-reazzjoni min-naħa tad-domanda jistgħu jikkompetu fuq termini uguali mal-kapaċità ta' ġenerazzjoni.

Il-biċċa l-kbira tax-xogħol irid isir fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, iżda l-Kummissjoni jista' jkollha rwol b'saħħtu li joħloq il-qafas xieraq għal progress. Il-Kummissjoni għalhekk se tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex l-effiċjenza enerġetika tingħata konsiderazzjoni primarja fil-politiki tagħhom.

L-UE diġà stabbiliet sett ta' miżuri dinjija ewlenin biex insiru aktar effiċjenti fil-konsum tal-enerġija tagħna. Permezz tal-leġiżlazzjoni tat-tikkettjar tal-enerġija u tal-ekodisinn, il-konsumaturi jistgħu jagħmlu għażliet informati dwar il-konsum tal-enerġija. Filwaqt li s-setturi ekonomiċi kollha għandhom jieħdu passi biex tiżdied l-effiċjenza tal-konsum tal-enerġija tagħhom, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni speċjali għal dawk is-setturi b'potenzjal enormi tal-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari fis-settur tal-bini u tat-trasport. Il-Kummissjoni se tkompli tistabbilixxi sinerġiji bejn politiki ta' effiċjenza tal-enerġija, politiki tal-effiċjenza tar-riżorsi u l-ekonomija ċirkulari. Dan se jinkludi l-isfruttar tal-potenzjal ta' "skart għall-enerġija".

It-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija fis-settur tal-bini

It-tisħin u t-tkessiġ huwa l-akbar sors uniku tad-domanda għall-enerġija fl-Ewropa u l-maġġoranza tal-importazzjonijiet tal-gass tal-Ewropa huma użati għal dawn l-għanijiet. Gwadanji kbar fl-effiċjenza għad jistgħu jinġabru fir-rigward ta' tisħin u tkessiġ distrettwali, li se jiġi indirizzat fi strateġija tal-Kummissjoni.

Azzjonijiet mill-Istati Membri, partikolarment fil-livelli lokali u reġionali, huma meħtieġa sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-effiċjenza tal-enerġija tal-bini. L-attrazzjoni ta' investimenti fuq l-iskala meħtieġa tibqa' sfida, speċjalment fil-livell lokali, l-aktar minħabba nuqqas ta' għarfien u kompetenza f'finanzjament fuq skala żgħira. Il-Kummissjoni se tappoġġa modi biex jiġi ssimplifikat l-aċċess għal finanzjament eżistenti kummerċjalment disponibbli għal strumenti finanzjarji għall-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-partijiet interessati għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment, tippromwovi skemi ta' finanzjament ġodda bbażati fuq ir-riskju u t-tqassim tad-dħul, tiżviluppa metodi ġodda ta' finanzjament u tappoġġa f'termini ta' assistenza teknika. Appoġġ finanzjarju jeħtieġ li jkun ikkombinat ma' appoġġ tekniku li jkun ta' għajnuna biex tingħata għajnuna fl-aggregazzjoni ta' proġetti fuq skala żgħira fi programmi akbar li jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet u jattiraw is-settur privat fuq skala.

Il-ħidma ta' Bliet Intelliġenti u Inizjattivi Komunitarji kif ukoll mal-Patt tas-Sindki, li primarjament huma mmexxija 'l quddiem mis-sindki, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-investituri, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-fornituri tas-servizzi, hija importanti biex jinkiseb progress dwar l-effiċjenza tal-enerġija fl-UE u barra minnha. Din il-ħidma kellha l-appoġġ sod tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tiżviluppa wkoll l-inizjattiva "eċċellenza globali għall-effiċjenza enerġetika tat-tfassil tal-politika" bħala kontribut lejn il-pjan ta' azzjoni dwar l-effiċjenza enerġetika G20. Hija se tippromwovi bis-siġh l-adozzjoni ta' għanijiet u miri ambizzjużi tal-effiċjenza tal-enerġija f'fora bħal tan-NU "Enerġija Sostenibbli għal Kulħadd" u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija. Bħala mexxej globali fit-teknoloġija b'effiċjenza enerġetika, dan għandu jkun xprun għall-esportazzjonijiet, u t-tkabbir u l-impjiegi fl-UE.

Il-fondi tal-UE u l-finanzjament tal-BEI jista' jagħmel differenza kbira. Il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi jipprovdi opportunità biex jinkisbu l-investimenti kbar fir-rinnovazzjoni tal-bini. L-investimenti f'dan il-qasam jistgħu jipprovdu profitti kbar f'termini ta' tkabbir u impjiegi.

Lejn settur tat-trasport dekarbonizzat, b'użu effiċjenti tal-enerġija

It-trasport jirrappreżenta aktar minn 30 % tal-konsum finali tal-enerġija fl-Ewropa. It-tweġġi ta' dan il-potenzjal fl-effiċjenza enerġetika jeħtieġ attenzjoni kontinwa fuq ir-restrizzjoni tal-istandards tal-emissjonijiet CO₂ għall-karozzi tal-passiġġieri u vannijiet wara l-2020, u fuq miżuri għal żieda fl-effiċjenza tal-karburant u t-tnaqqis ta' emissjonijiet CO₂ għal vettura heavy-duty u xarabanks. Ġestjoni aħjar tat-traffiku għandha wkoll tiġi promossa bħala għodda moderna, li tħares' il quddiem biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂.

Dan għandu jkun akkumpanjat minn miżuri biex jiġi sfruttat aħjar il-potenzjal tas-suq uniku u biex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni. Il-Kummissjoni se tippromwovi l-użu tal-iskemi ta' tariffa għall-użu tat-triq ibbażata fuq il-prinċipju ta' min juża jħallas u min iniġġes iħallas u żżid l-isforzi biex tinholq żona unika Ewropea tat-trasport, abbażi tal-aħjar użu tal-flotta. Iffrankar konsiderevoli ta' karburant jista' jintlaħaq ukoll billi jitneħħew l-ostakli fuq modi b'inqas gassijiet b'effett ta' serra tat-trasport, bħall-ferroviji, it-trasport marittimu u fuq passaġġi tal-ilma interni, u billi dawn il-modi jsiru aktar attraenti u kosteffiċjenti. Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-inizjattiva "Shift 2Rail"²³.

²³ Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 642/2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail.

Il-Kummissjoni se tieħu wkoll azzjonijiet ulterjuri biex telimina l-karbonju mis-settur tat-trasport, li essenzjalment għadu jaħdem fuq prodotti taż-żejt. Dan se jeħtieġ trasformazzjoni gradwali tas-sistema kollha ta' trasport kif ukoll l-iżvilupp u l-użu ta' karburant alternattivi. Il-Kummissjoni se tieħu azzjoni ulterjuri biex tippromwovi l-iskjerament rapidu tal-infrastruttura meħtieġa, jiġifieri stazzjonijiet ta' riforniment u ta' alimentazzjoni.²⁴ L-adozzjoni fis-suq ta' vetturi bħal dawn tiddependi fuq l-infrastruttura, il-vetturi u l-karburanti li jitqiegħdu fis-suq flimkien.

L-elettrifikazzjoni tat-trasport hija importanti biex tinkiser id-dipendenza fuq iż-żejt u biex it-trasport jiġi dekarbonizzat, speċjalment għat-trasport tat-triq (distanza qasira u medja) u ferrovjarju. L-Ewropa għandha bżonn tħaffef l-elettrifikazzjoni tal-karozzi tagħha u mezzijiet oħra ta' trasport u ssir mexxejja fl-elettromobbiltà u teknoloġiji ta' ħżin tal-enerġija. Dan jeħtieġ integrazzjoni sħiħa ta' vetturi elettriċi fil-politiki ta' mobilità urbana u fil-grilja tal-elettriku, kemm bħala konsumaturi tal-enerġija kif ukoll fil-faċilitajiet tal-ħżin potenzjali.

2.4. Id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija

Politika ambizzjuża dwar il-klima hija parti integrali tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna. Il-politika dwar il-klima tal-UE hija bbażata fuq is-suq tal-karbonju mal-UE kollha (l-iskema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet), miri għat-tnaqqis ta' gassijiet serra ambizzjużi iżda ġusti għas-setturi barra s-sistema tal-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet u politika tal-enerġija li tagħmel l-Unjoni Ewropea fuq quddiem nett fl-enerġija rinnovabbli.

Politika ambizzjuża dwar il-Klima tal-UE

Il-ftehim dwar il-qafas dwar il-klima u l-enerġija 2030 iddefinixxa l-impenn tal-UE ta' mill-inqas 40 % tat-tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra meta mqabbla mal-1990. Dan hija kontribuzzjoni ambizzjuża għan-negozjati internazzjonali dwar il-klima sabiex jintlaħaq ftehim vinkolanti dwar il-klima fl-2015. Din il-kontribuzzjoni hija spjegata fil-komunikazzjoni fit-Triq lejn Pariġi, ippreżentata fl-istess ħin bħal dan il-Qafas Strateġiku tal-Unjoni tal-Enerġija. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, se timpenja ruħha ma' ekonomiji ewlenin oħra biex tikkonvinċihom jingħaqdu fl-ambizzjoni tal-Ewropa. Se tagħmel dan permezz ta' diplomazija tal-klima Ewropea attiva li tagħmel użu sħiħ mill-kummerċ u l-istrumenti tal-iżvilupp.

Il-pedament tal-politika dwar il-klima tal-Ewropa hija skema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet li taħdem sew. Bħala riżultat tar-Riżerva tal-Istabilità tas-Suq u l-miżuri meħtieġa biex tintlaħaq iż-żieda fl-ambizzjoni deċiża fil-qafas 2030, is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet se tagħti prezz sinifikanti fuq l-emissjonijiet tal-karbonju u tistimula tnaqqis kosteffiċjenti tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra. Il-Kummissjoni Ewropea trid li s-sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet taqdi bis-sħiħ ir-rwol tagħha bħala sewwieq newtrali għat-teknoloġija, kosteffettiv u preżenti fl-UE kollha għal investimenti b'użu baxx tal-karbonju. Permezz tal-formazzjoni tal-prezzijiet tagħha fil-livell tal-UE ssaħħa il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija u tistimula l-użu ta' enerġija rinovabbli u b'użu baxx tal-karbonju u teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Politiki li jevitaw ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għandhom jirriflettu l-livell ta' sforzi li saru f'ekonomiji kbar oħra.

²⁴ Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi.

Għas-setturi li mhumix inklużi fl-skema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, miri nazzjonali għad iridu jiġu stabbiliti u s-settur tal-art u tal-forestrija se jkunu inkorporati fil-qafas tal-UE 2030, filwaqt li jiġi żgurat li dawn is-setturi wkoll se jkollhom l-inċentivi t-tajbin biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra u jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

Li ssir l-ewwel f'enerġiji rinnovabbli

L-Unjoni Ewropea hija impenjata li li ssir il-mexxej dinji fl-enerġija rinnovabbli, iċ-ċentru globali fejn tiġi żviluppata l-ġenerazzjoni li jmiss ta' enerġiji rinnovabbli teknikament avvanzati u kompetittivi. L-UE stabbiliet mira tal-UE ta' mill-inqas 27 % għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli kkunsjata fl-UE fl-2030.

L-UE diġà qiegħda fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha għall-2020 ta' 20 % ta' enerġija rinnovabbli fit-taħlita enerġetika tagħha, l-ispejjeż għall-kapaċità fotovoltajċi u tar-riħ ġodda naqsu b'mod sinifikanti l-aktar minħabba l-impenn tal-UE f'dan il-qasam, u fir-riforma tal-iskemi ta' appoġġ għal aktar tnaqqis fl-ispejjeż miexi sew. Iżda sabiex tintlaħaq il-mira ta' 27 %, iridu jiġu ffaċċjati sfidi ġodda.

L-integrazzjoni progressiva u effiċjenti ta' produzzjoni rinnovabbli f'suq kompetittiv li jippromwovi l-enerġija rinnovabbli u jmxxi l-innovazzjoni, is-swieq tal-enerġija u l-grilji għandhom ikunu tajba għal sorsi li jiġġeddu²⁵. Il-leġiżlazzjoni eżistenti u regoli ġodda fis-suq jeħtieġu li jiġu implimentati bis-siġh, li jippermettu t-tweġġ ta' teknoloġiji ġodda tal-grilji intelliġenti u effiċjenti ta' rispons għad-domanda tat-tranżizzjoni tal-enerġija.

F'konformità mal-linji gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali u tal-Enerġija, il-produzzjoni rinnovabbli għandha tiġi appoġġata permezz ta' skemi bbażati fuq is-suq li jindirizzaw il-fallimenti tas-suq, jiżguraw il-kosteffettività u jevitaw kumpens żejjed jew distorsjoni. Finanzjament bi spejjeż baxxi għal rinnovabbli ta' kapital intensiv jiddependi fuq li jkun hemm qafas ta' investiment stabbli li jnaqqas ir-riskju regolatorju. Dan huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-fiduċja tal-investituri u biex jiġbdu lejhom investimenti minn fondi internazzjonali, promoturi ta' proġett fuq skala kbira u kooperattivi u unitajiet domestiċi f'qafas ibbażat fuq is-suq u li jżomm l-ispejjeż kapitali baxxi. Il-Kummissjoni se tiffaċilita l-kooperazzjoni²⁶ u l-konverġenza tal-iskemi ta' appoġġ nazzjonali li jwassal għal aktar fluw transkonfinali permezz ta' diskussjonijiet fil-fond mal-Istati Membri fuq il-Gwida rispettiva tal-Kummissjoni²⁷ u l-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali u tal-Enerġija.

Deċiżjonijiet ta' investiment fl-elettriku rinnovabbli għandhom jikkunsidraw il-karatteristiċi fiżiċi u d-disponibilità tar-riżorsi mal-grilja; aċċettazzjoni mill-pubbliku; il-post tal-konsum u l-ostakli amministrattivi. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' infrastrutturi

²⁵ Biex is-swieq ikunu adattati għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli tfisser li swieq ta' terminu qasir jeħtieġu li jiżviluppaw ffunzjonament profond, likwidu u fil-ħin reali. Grilji tal-enerġija eżistenti mfassla u ta' spiss ġestiti għal produzzjoni tal-enerġija konvenzjonali f'ambitu nazzjonali huma subottimali għal futur fejn il-provvista minn sorsi rinnovabbli se isir dejjem aktar importanti u fejn l-ibbilanċjar huwa meħtieġa biex tiġi kkompensata l-varjabilità inerenti tagħhom.

²⁶ Bosta Stati Membri qed jikkunsidraw li jużaw il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni mid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli biex jintlaħqu l-miri nazzjonali tagħhom b'mod kosteffikaċi. Il-Kummissjoni appoġġat dan il-proċess billi għenet lill-Istati Membri biex isibu soluzzjonijiet għal kwistjonijiet tekniċi u finanzjarji relatati ma' dawn il-mekkaniżmi transkonfinali.

²⁷ Gwida tal-Kummissjoni Ewropea għat-tfassil ta' skemi ta' sostenn għall-enerġija rinnovabbli, SWD(2013) 439; Gwida dwar l-użu ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fl-enerġija rinovabbli, SWD(2013) 440.

ġodda, b'mod partikolari l-interkonnessjonijiet, jeħtieġ li jnaqqas l-ispiża tal-integrazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fis-suq intern tal-enerġija.

Jeħtieġ li l-UE tinvesti f'karburant alternattivi avvanzat, sostenibbli, inklużi proċessi ta' produzzjoni tal-bijokarburanti, u fil-bijoekonomija b'mod aktar ġenerali. Dan jippermettilna nżommu t-tmexxija teknoloġika u industrijali u nilħqu l-oġettivi dwar il-bidla fil-klima. L-UE teħtieġ ukoll li tikkunsidra l-impatt tal-bijoenerġija fuq l-ambjent, l-użu tal-art u l-produzzjoni tal-ikel. Il-pjan ta' investiment tal-UE, kif ukoll sorsi oħra ta' finanzjament tal-UE, jistgħu jgħinu sabiex jiġi żgurat il-finanzjament meħtieġ.

2.5. Unjoni tal-Enerġija għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Kompetittività

Strateġija ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I) għandha tingħata post fil-qalba tal-Unjoni tal-Enerġija. Jekk l-Unjoni Ewropea tal-Enerġija trid tkun in-numru wieħed fl-enerġija rinnovabbli, għandha tmexxi l-ġenerazzjoni li jmiss ta' teknoloġiji rinnovabbli kif ukoll is-soluzzjonijiet ta' ħażna.

Bl-istess mod, li l-UE tkun fuq quddiem nett ta' grilji intelliġenti u ta' teknoloġija tad-dar intelliġenti, trasport nadif, kif ukoll karburant fossili nodfa u l-ġenerazzjoni nukleari dinjija l-iktar sikura, huwa ċentrali biex tkun possibbli li l-Unjoni tal-Enerġija tkun mutur għat-tkabbir, l-impjiegi u l-kompetittività.

Għalkemm sar progress importanti fit-titjib tal-effettività ta' programmi ta' riċerka tal-Ewropa, għad jista' jsir ħafna aktar. Għadna 'l bogħod minn riċerka kkoordinata u ffukata bis-sħiħ, li tukkombina b'mod effettiv il-programmi tal-UE u tal-Istati Membri madwar għanijiet komuni u riżultati tanġibbli. Jekk irridu niksbu l-għanijiet tagħna, għandna bżonn niżguraw l-oġhla riżultati possibbli minn kull Euro investit madwar l-UE kollha. Dan ifisser li jittieħed approċċ integrat biex joħloq sinerġiji; hídma flimkien biex nikkoordinaw l-isforzi u jinkisbu r-riżultati; l-iżgurar ta' rabtiet aktar effettivi bejn ir-riċerka u l-industrija biex b'hekk jitwasslu t-teknoloġiji l-ġodda fis-suq fl-UE.

Sabiex jintlaħaq dan, l-approċċ il-ġdid għar-Riċerka u Żvilupp Ewropea fl-Enerġija²⁸ għandha tħaffef it-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Dan għandu jibni fuq Orizzont 2020 u jinvolvi l-Istati Membri kollha, il-partijiet interessati u l-Kummissjoni.

L-azzjonijiet għandhom ikunu miġbura madwar dawn l-erba' prioritatijiet ewlenin, li l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkommettu:

- Li tkun fuq quddiem nett fid-dinja fl-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli tal-ġenerazzjoni li jmiss li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, inkluż fil-produzzjoni u l-użu tal-bijomassa u l-bijofjuwils, flimkien mal-ħażna tal-enerġija;
- L-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni tal-konsumaturi fit-tranżizzjoni tal-enerġija intelliġenti permezz ta' grids intelliġenti, tagħmir tad-dar intelliġenti, bliet intelliġenti, u sistemi tal-awtomazzjoni fid-djar;
- Sistemi effiċjenti fl-enerġija, u l-użu tat-teknoloġija biex jagħmlu tal-istokk tal-bini newtrali fl-enerġija, u

²⁸ Dan għandu jinkludi aġġornament tal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija u aġenda Riċerka u Żvilupp għat-trasport strateġiku.

- Sistemi ta' trasport aktar sostenibbli li jiżviluppaw u jużaw fuq skala kbira teknoloġiji u servizzi innovattivi biex tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija u jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra.

Barra minn dawn l-erba' prijoritajiet komuni, hemm aktar prijoritajiet ta' riċerka li jisthoqqlhom livell ħafna ogħla ta' kollaborazzjoni bejn il-Kummissjoni u daww l-Istati Membri li jridu jużaw dawn it-teknoloġiji:

- Approċċ li jħares' il quddiem għall-għbir u l-ħżin tal-karbonju (carbon capture and storage, CCS) u l-qbid u użu tal-karbonju (carbon capture and use, CCU) għas-setturi tal-enerġija kif ukoll is-settur industrijali, li se jkun kruċjali biex jintlaħqu l-oġettivi tal-klima tal-2050 b'mod kosteffettiv. Dan se jirrikjedi qafas ta' politika ta' abilitazzjoni, inkluż riforma tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u l-Fond ta' Innovazzjoni l-Ġdid, biex jiżdiedu l-kummerċ u ċ-ċarezza għall-investituri, li huwa meħtieġ biex tiġi żviluppata aktar din it-teknoloġija.
- L-enerġija nukleari bħalissa tipproduċi kważi 30 % tal-elettriku tal-UE²⁹. L-UE għandha tiżgura li l-Istati Membri jużaw l-ogħla standards ta' sikurezza, ġestjoni tal-iskart u nonproliferazzjoni. L-UE għandha wkoll tiżgura li żżomm it-tmexxija teknoloġika fil-qasam nukleari, inkluż permezz ta' ITER³⁰, sabiex ma tiżdiedx id-dipendenza tal-enerġija u t-teknoloġija.

Tranżizzjoni misjuqa mill-innovazzjoni għal ekonomija b'użu baxx tal-karbonju toffri opportunitajiet kbar għal tkabbir u impjiegi. Se jfeġġu setturi ġodda tan-negozju, mudelli ġodda ta' negozju u opportunitajiet ġodda ta' xogħol. It-tmexxija teknoloġika għandha tiġi segwita minn żvilupp ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni industrijali jew ktajjen tal-provvista tat-teknoloġija fl-Ewropa kollha. Dan jeħtieġ li jinġabru flimkien ir-riċerka, l-industrija, is-settur tal-finanzjament u l-awtoritajiet pubbliċi. Strateġija industrijali effiċjenti fuq dawn il-linji tippermetti lill-industrija tal-UE tibbenefikaw mill-vantaġġ ta' min jagħmel l-ewwel mossa, kemm domestikament kif ukoll fi swieq internazzjonali tat-teknoloġija, bl-effetti pożittivi fuq il-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi.

Il-Kummissjoni se tesplora kif l-akkwist pubbliku jista' jisfrutta l-potenzjal tagħha li taġixxi bħala katalista għal innovazzjoni industrijali u tan-negozju, u tkabbir ekoloġiku kemm fl-UE kif ukoll lil hinn mill-fruntieri tagħha. Se tagħmel użu sħiħ mill-politika kummerċjali tal-UE biex ittejjeb l-aċċess għas-swieq barranin għal teknoloġiji u servizzi relatati mal-Unjoni tal-Enerġija kif ukoll biex jiġi protett is-suq tal-UE minn Prattiki kummerċjali inġusti, u tappoġġja pajjiżi oħra fl-isforzi tagħhom biex jistabbilixxu sistemi ta' enerġija moderni u sostenibbli. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri u r-reġjuni biex jiġu żgurati sinerġiji bejn il-fondi differenti tal-UE u biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-finanzjament tal-Politika ta' Koeżjoni għall-innovazzjoni.

Il-bidla tfisser ukoll li xi setturi, mudelli ta' negozju jew profili tal-impjiegi ser ikollhom jadattaw. Passaġġi vokazzjonali u ta' taħriġ ieħor għal profili tax-xogħol ġodda jew adattati għandhom jiġu stabbiliti, li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet ġodda ta' negozju u li jipprovdu lin-nies b'ħiliet professjonali tajba. It-tranżizzjoni tal-enerġija li hija xierqa u ġusta għalhekk teħtieġ taħriġ mill-ġdid jew il-bini tal-ħiliet tal-impjegati f'ċerti setturi u, fejn meħtieġ, miżuri soċjali fil-livell xieraq. Għarfien u esperjenza diretta tal-imsieħba soċjali huma kruċjali f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni se tinforma lis-sħab soċjali u tistedinhom sabiex jinkludu t-tranżizzjoni tal-enerġija fi djalogu soċjali tagħhom fil-livell Ewropew.

²⁹ Ara l-Istrateġija tas-Sigurtà Ewropea tal-Enerġija, COM(2014) 330.

3. Il-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija

L-Unjoni tal-Enerġija teħtieġ ukoll governanza integrata u l-proċess ta' monitoraġġ, biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet marbutin mal-enerġija fil-livell Ewropew, reġjonali, nazzjonali u dak lokali kollha jikkontribwixxu għal objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija. Il-proċess ta' governanza għandu jservi dawn l-objettivi li ġejjin:

- iġib flimkien l-enerġija u l-azzjonijiet dwar il-klima kif ukoll azzjonijiet f'oqsma ta' politika rilevanti oħrajn, li jwassal għal aktar koerenza tal-politika u fuq medda itwal ta' żmien. Dan jipprovdi wkoll gwida u ċertezza fit-tul għall-investituri;
- implimentazzjoni sikura tas-suq intern tal-enerġija u t-twassil tal-qafas tal-2030 dwar il-klima u l-enerġija, b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tal-miri 2030 miftiehma dwar l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, is-Sistema tal-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u l-interkonnnetturi;
- simplifikazzjoni tal-ippjanar attwali u r-rekwiżiti ta' rappurtar, biex jiġi evitat piż amministrattiv żejjed;
- involviment ta' djalogu dwar l-enerġija ma' partijiet interessati għat-tfassil tal-politika u l-appoġġ għall-involviment attiv fil-ġestjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija;
- kooperazzjoni iktar profonda bejn Stati Membri, inkluż fuq livell reġjonali, u mal-Kummissjoni;
- titjib tad-dejta, ta' analiżi u ta' intelliġenza meħtieġa biex jirfdu l-Unjoni tal-Enerġija billi tiġbor flimkien għarfien rilevanti u tagħmilha aċċessibbli għall-partijiet kollha interessati, u
- rappurtar annwali lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ewlenin u biex jiġi ggwidat id-dibattitu ta' orjentazzjoni.

Il-Kummissjoni se tniedi proċess dinamiku ta' governanza tal-Unjoni Ewropea dwar l-Unjoni tal-Enerġija Ewropea. Filwaqt li se jkun hemm rabtiet ċari bejn dan il-proċess ta' governanza u s-Semestru Ewropew, iż-żewġ proċessi se jkunu ġestiti b'mod separat.

4. It-twettiq tal-Unjoni tal-enerġija

Il-kisba tal-Unjoni tal-Enerġija tfisser it-twassil fuq l-azzjonijiet deskritti f'din l-istrateġija, li huma miġbura fil-qosor fil-15-il punt hawn taħt. Il-pjan direzzjonali meħmuż li juri l-inizjattivi kollha li se jiġi żviluppat bħala parti mill-Istrateġija, bi skeda ċara għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni kif ukoll ir-responsabilitajiet rispettivi. Il-Kummissjoni tqis dawn bħala marbuta ma' xulxin, indispensabbli u konsistenti mal-livell ta' ambizzjoni li l-UE teħtieġ biex tittrasforma s-sistema tal-Enerġija tal-Ewropa.

L-implimentazzjoni b'suċċess tiddependi fuq l-impenn politiku tal-atturi kollha kkonċernati, inklużi l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, il-Bank Ewropew tal-Investment u partijiet interessati oħra, inkluż fil-livell reġjonali u lokali, b'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

L-UE għandha tkun tista' tirreaġixxi għal avvenimenti mhux mistennija, taħtaf opportunitajiet ġodda u tantiċipa u tadatta għal xejriet futuri. Kull meta jkun meħtieġ, il-Kummissjoni se tuża d-dritt tagħha ta' inizjattiva biex tistabilixxi rispons xieraq għal avvenimenti.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex japprovaw din l-istrateġija biex titwettaq l-Unjoni tal-Enerġija u biex ikunu impenjati b'mod attiv fl-implimentazzjoni tagħha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati rilevanti kollha.

*

* *

L-Unjoni tal-Enerġija fi 15-il punt ta' azzjoni

1. L-implimentazzjoni sħiħa u l-infurzar strett tal-leġiżlazzjoni tal-enerġija eżistenti u dik relatata hija l-ewwel prijorità biex tiġi stabbilita Unjoni tal-Enerġija.

- Il-Kummissjoni se tuża l-istrumenti kollha biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni dwar l-enerġija, b'mod partikolari t-Tielet Pakkett tas-Suq Intern tal-Enerġija, u se tinforza b'mod strett ir-regoli tal-kompetizzjoni fit-Trattat.

2. L-UE teħtieġ li tiddiversifika l-provvista tal-gass tagħha u ssir aktar reżiljenti għal interruzzjonijiet fil-provvista.

- Il-Kummissjoni se tipproponi pakkett ta' reżistenza u ta' diversifikazzjoni għall-gass fl-2015-2016 billi tirrevedi tar-Regolament eżistenti dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass.
- Il-Kummissjoni se tħejji strateġija komprensiva għal gass naturali likwidu (LNG) u l-ħażna tiegħu, u
- Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tiżviluppa aċċess għal fornituri alternattivi, inkluża rotta tal-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar, il-Mediterran u l-Alġerija, sabiex jonqsu d-dipendenzi eżistenti fuq fornituri individwali.

3. Ftehimiet intergovernattivi għandhom ikunu konformi bis-sħiħ mal-leġiżlazzjoni tal-UE u jkunu aktar trasparenti.

- Il-Kummissjoni se tipproponi reviżjoni tad-Deċiżjoni dwar il-Ftehimiet Intergovernattivi fl-2016 biex tiġi żgurata l-kompatibilità mal-leġiżlazzjoni tal-UE qabel ma jiġu nnegożjati l-ftehimiet, jinvolvu lill-Kummissjoni f'dawn in-negożjati, jiġu żviluppati klawżoli kuntrattwali standard li jkopru r-regoli tal-UE u kuntratti ta' provvista ta' gass kummerċjali jsiru aktar trasparenti.

4. L-infrastruttura adegwata hija prerekwiżit għat-tlestija tas-suq tal-enerġija, l-integrazzjoni ta' enerġiji rinnovabbli u s-sigurtà tal-provvista.

- Il-Kummissjoni se tappoġġa l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura kbar, b'mod partikolari Proġetti ta' Interess Komuni, permezz tal-mezzi finanzjarji disponibbli, pereż. il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi futur biex jinkiseb il-finanzjament privat u pubbliku meħtieġ.
- Il-Kummissjoni se tiġbor flimkien l-informazzjoni dwar proġetti ta' infrastruttura ffinanzjati mill-UE biex iġġib aktar koerenza u biex jiġi massimizzat l-impatt tagħhom.
- Il-Kummissjoni se toħloq Forum dedikat għall-Infrastruttura tal-Enerġija biex jiġi diskuss il-progress dwar proġetti kbar tal-infrastruttura mal-Istati Membri, gruppi ta' kooperazzjoni reġjonali u l-istituzzjonijiet tal-UE. Dan se jiltaqa' għall-ewwel darba fi tmiem l-2015.

5. Il-ħolqien ta' suq tal-enerġija intern mingħajr xkiel li jibbenefika liċ-ċittadini, l-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista, l-integrazzjoni tas-sorsi rinnovabbli fis-suq u r-rimedju tal-iżvilupp tal-kapaċità li attwalment mhijiex ikkoordinata ta' mekkaniżmi ta' kapaċità fl-Istati Membri jsejnhu għal reviżjoni tat-tfassil attwali tas-suq.

- Il-Kummissjoni se tipproponi leġislazzjoni dwar is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku fl-2016.
- Il-Kummissjoni se tipproponi disinn ġdid tas-suq tal-elettriku Ewropew fl-2015, li se jkun segwit minn proposti leġislattivi fl-2016.

6. Il-qafas regolatorju stabbilit permezz tat-Tielet Pakkett tas-Suq Intern tal-Enerġija għandu jiġi żviluppat aktar biex iwassal -suq intern tal-enerġija bla xkiel għaċ-ċittadini u l-kumpaniji.

- Il-Kummissjoni ser tirrevedi l-qafas regolatorju, b'mod partikolari l-funzjonament mal-ACER u l-ENTSOs, fl-2015-2016 u se tipproponi azzjonijiet adatti biex issaħħaħ il-qafas regolatorju Ewropew.

7. Approċċi reġjonali għall-integrazzjoni tas-suq huma parti importanti mill-mixja lejn suq tal-enerġija integrat kompletament madwar l-UE.

- Il-Kummissjoni se tiżviluppa gwida dwar il-kooperazzjoni reġjonali u tipparteċipa b'mod attiv f'korpi reġjonali ta' kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet interessati.

8. Aktar trasparenza dwar l-ispejjeż u l-prezzijiet tal-enerġija kif ukoll fuq il-livell ta' appoġġ pubbliku se ttejjeb l-integrazzjoni tas-suq u l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet li jfixklu s-suq intern.

- Il-Kummissjoni se tipproduċi rapporti kull sentejn dwar il-prezzijiet tal-enerġija, tanalizza fil-fond ir-rwol ta' taxxi u sussidji u tfittex it-tneħħija gradwali ta' prezzijiet regolati taħt il-kost.
- Fil-livelli nazzjonali u lokali, għandha tittieħed azzjoni biex jiġu protetti l-klijenti vulnerabbli permezz tal-politika soċjali.

9. L-UE stabbilixxiet għaliha nfnisha l-mira li jintlaħaq mill-inqas 27 % ifrankar tal-enerġija sal-2030.

- Fl-2015 u l-2016, il-Kummissjoni se tirrevedi l-leġislazzjoni rilevanti tal-effiċjenza fl-enerġija u se tipproponi reviżjonijiet, fejn meħtieġ, biex jirfdu l-mira għall-2030.
- L-stati Membri u r-reġjuni għandhom jagħmlu aktar użu mill-fondi Ewropej għar-rinovazzjoni ta' djar.

10. Il-bini għandu potenzjal kbir għal żieda fl-effiċjenza tal-enerġija. L-attrezzar mill-ġdid ta' bini eżistenti sabiex isiru effiċjenti fl-użu tal-enerġija u b'użu sħiħ tat-tisħin u t-tkessiħ tal-ispazju sostenibbli se titnaqqas l-ispiża għall-importazzjoni tal-enerġija tal-UE, tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija u jitnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija fid-djar u n-negożji.

- Il-Kummissjoni se tiżviluppa l-inizjattiva "Finanzjament Intelliġenti għal Bini

Intelliġenti” għal bini eżistenti biex isiru aktar effiċjenti, filwaqt li jiġi ffaċilitat l-aċċess għal strumenti ta’ finanzjament eżistenti.

- Il-Kummissjoni se tipproponi strateġija biex jiġi ffaċilitat l-investiment fit-tisħin u t-kessih.

11. L-UE għandha bżonn tħaffef l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni fis-settur tat-trasport, il-bidla għal karburant alternattivi progressiva tagħha u l-integrazzjoni ta’ sistemi tal-enerġija u tat-trasport.

- Il-Kummissjoni se tipproponi pakkett komprensiv tat-trasport fit-toroq li jippromwovu pprezzar aktar effiċjenti ta’ infrastruttura, l-introduzzjoni ta’ soluzzjonijiet ta’ trasport intelliġenti u t-tisħiħ tal-effiċjenza fl-enerġija.
- Il-Kummissjoni se tieħu aktar azzjoni biex toħloq kundizzjonijiet tajbin tas-suq għal aktar użu ta’ karburant alternattiv u biex tkompli tippromwovi l-akkwist ta’ vetturi nodfa. Dan se jitwassal permezz ta’ taħlita ta’ miżuri nazzjonali, reġjonali u lokali, bl-appoġġ tal-UE.

12. L-UE qablet dwar qafas għall-klima u l-enerġija għall-2030 fil-Kunsill Ewropew ta’ Ottubru. Din issa jrid jiġi implimentat. L-UE se tipprovdi kontribut ambizzjuż għan-negozjati internazzjonali dwar il-klima.

- Il-Kummissjoni se tipproponi leġislazzjoni sabiex tintlaħaq il-mira għat-tnaqqis tal-gassijiet serra maqbul fil-Kunsill Ewropew ta’ Ottubru 2014 kemm fis-Sistema għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet kif ukoll fis-setturi barra s-Sistema tal-Iskambju tal-Emissjonijiet.

13. L-UE qablet mal-oġettiv ta’ mill-inqas 27 % fil-livell tal-UE għall-enerġija rinnovabbli sal-2030.

- Il-Kummissjoni se tipproponi Pakkett ġdid dwar l-Enerġija Rinnovabbli fl-2016-2017. Dan se jinkludi politika ġdida tal-bijomassa u l-bijofjuwils sostenibbli kif ukoll leġislazzjoni biex tiżgura li tintlaħaq il-mira tal-UE għall-2030 b’mod kosteffikaċi.

14. L-UE teħtieġ li tiżviluppa u strateġija ta’ Riċerka u Żvilupp tal-enerġija u relatata mal-klima li tħares’ il quddiem biex tinżamm it-tmexxija teknoloġika tal-Ewropa u tespandi l-opportunitajiet ta’ esportazzjoni.

- Il-Kummissjoni se tipproponi approċċ ta’ Riċerka u Żvilupp Ewropew tal-Enerġija, li jinkludi Pjan Strateġiku ta’ Teknoloġija tal-Enerġija u aġenda strateġika ta’ Riċerka u Żvilupp għat-trasport, b’numru limitat ta’ prijoritajiet essenzjali u oġettivi ċari, fl-2015-2016.
- Il-Kummissjoni se tiżviluppa inizjattiva dwar it-tmexxija tat-teknoloġija u l-innovazzjoni globali dwar l-enerġija u l-klima biex tingħata spinta lill-impjiegi u t-kabbir.

15. L-UE se tuża l-istrumenti kollha ta’ politika esterna biex tiżgura li UE b’saħħitha u unita timpenja ruħha b’mod kostruttiv mal-imsieħba tagħha u titkellem b’vuċi waħda dwar l-enerġija u l-klima.

- Il-Kummissjoni, flimkien mar-Rappreżentant Għoli u l-Viċi President u l-Istati Membri se tagħti ħaġġa għda lid-diplomazija tal-enerġija u l-klima tal-UE.
- Il-Kummissjoni, flimkien mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President, se tiżviluppa aġenda attiva għat-tisħiħ tal-koperazzjoni tal-enerġija tal-UE ma' pajjiżi terzi, inkluż dwar enerġija rinnovabbli u effiċjenza enerġetika.
- Il-Kummissjoni se tagħmel użu sħiħ mill-politika kummerċjali barranija tal-UE biex tippromwovi aċċess għar-riżorsi tal-enerġija u swieq barranin għat-teknoloġija u s-servizzi tal-enerġija Ewropea.